---

15 ta' Diċembru, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Salvatore Xuereb *versus* Commodore Piers K. Kekewich ne. et

**Ċitazzjoni — Rekwiżizzjoni — Bastimenti — Dgħajsa ta' Għawdex — Atti Imperjali — Promulgazzjoni — Emergency Compensation Board — Ġurisdizzjoni — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 167/1942.**

*Meta l-konvenut huwa mħarrek f'xi kwalità li għandu, u "jekk hemm bżonn anki f'ismu proprju", u ma jirriżultax fil-kawża li l-kontestuzzjoni saret mal-konvenut b'ismu proprju, il-kundanna tiegħu għandha tiftiehem fis-sens illi huwa ġie kundannat fil-kwalità li fiha ġie mħarrek, u mhux ukoll fl-isem tiegħu proprju.*

*Il-promulgazzjoni ta' Att jew Order Imperjali f'Malta, biex ikollu effikaċja anki f'dawn il-Gżejjer, hija meħtieġa meta dak l-Att jew Order ikun fih klawsola, kif ġeneralment isir, għall-applikabilità tiegħu għall-kolonji; għax allura jkun hemm bżonn ta' Att ieħor ta' l-awtorità lokali, jew almenu proklama, li jirrendi applikabili għal Malta dak l-Att jew Order, u l-pubblikazzjoni tiegħu hawn Malta. Imma meta l-Att jew Order ikun fih il-klawsola li tirrendih operativ immedjatament fi kwalunkwe post, allura dik il-liġi ssir applikabili immedjatament, u l-fakoltajiet mogħtija bis-saħħa tagħha jistgħu jiġu eżerċitati mill-awtoritajiet lokali fil-kolonji immedjatament, avvolja dik il-liġi ma tkunx ġiet promulgata fil-kolonja wkoll.*

*Dgħajsa ta' Għawdex hija kompriża fid-dizzjoni "British ships" għall-finijiet tal-"Colonial Order-in-Council, 1939", u għalhekk hija soġġetta għal rekwiżizzjoni bħall-bastimenti.*

*Rekwiżizzjoni magħmula fl-eżerċizzju tal-poteri mogħtija mill-"Compensation (Defence) Act, 1939" hija eżerċitata validament anki jekk ġiet eżerċitata minn awtorità li ġiet delegata minn awtorità oħra li ma setgħetx tagħmel dik id-delegazzjoni, jekk, meta l-awtorità li għamlet dik id-delegazzjoni kellha l-intenzjoni li teżegwixxi r-rekwiżizzjoni u teżerċita s-setgħa tagħha ta' rekwiżizzjoni per mezz ta' dak id-delegat.*

*Il-kwistjonijiet kollha li jkun hemm bejn il-partijiet in konnessjoni mar-rekwiżizzjoni li tkun saret bis-saħħa tal-"Compensation (Defence) Act, 1939" jidħlu fl-attribuzzjoni ta' l-organament speċjali istitwit b'dak l-Att; u għalhekk l-Emergency Compensation Board ma għandux ġurisdizzjoni biex jieħu konjizzjoni ta' dawk il-kwistjonijiet; u meta dak il-Board jiddikjara li huwa mhux kompetenti, langas għandhom din il-ġurisdizzjoni l-Qrati ordinarji lokali.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta illi fid-9 ta' Jannar 1942, il-konvenut Captain Price, fil-kwalità ta' Divisional Sea Transport Officer, irrekwiżizzjona mill-poter ta' l-attur id-dgħajsa ta' Għawdex "Virgò Lauretana" Reg. No. 43, u dana sempliċement bħala kiri; u illi l-attur irrikorra quddiem l-Emergency Compensation Board biex ikun stabbilit il-kumpens lilu dovut għall-użu ta' l-imsemmija dgħajsa;

u billi quddiem dak il-Board ġew sollevati żewġ eċċezzjonijiet, waħda tan-nullità tar-Requisition Order u l-oħra ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni; u illi l-istess Board b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Settembru 1943 (dok. A) iddikjara ruħu inkompetenti u rriżerva lit-Tribunal Ordinarju d-deċiżjoni dwar in-nullità tar-Requisition Order; u illi l-attur għandu interess li jiġi determinat f'linea ta' danni l-kumpens li jistħoqqlu għall-użu tad-dgħajsa fuq imsemmija, meħudin taħt konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, mhux eskluż it-telf kollu li sofra bħala konsegwenza tal-privazzjoni ta' l-użu ta' l-istess dgħajsa; u illi fl-14 ta' Novembru 1942, jiġifieri dment li kienet rekwiżizzjonata, id-dgħajsa għerqet; premessa għal bżonn id-dikjarazzjoni li r-Requisition Order fuq imsemmi huwa null u mingħajr effett, minħabba li ma ġiex maħruġ mill-awtorità kompetenti u għal raġunijiet oħra li jirriżultaw 'il quddiem; talab (1) li jiġi dikjarat f'linea ta' danni l-kumpens dovut lill-attur għall-użu ta' l-imsemmija dgħajsa, u dana anki per mezz ta' periti li tagħżel il-Qorti, (2) li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu lill-attur dik is-somma li tkun hekk likwidata, (3) li l-konvenuti, jew min minnhom, minħabba li d-dgħajsa għerqet, jiġu dikjarati responsabili tad-danni kollha skond il-liġi, likwidabili f'kawża oħra. Salvi dejjem drittijiet oħra. Bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-4 ta' Ġunju 1943;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha issottometta illi d-dgħajsa indikata fiċ-ċitazzjoni ġiet validament rekwiżizzjonata mid-Divisional Sea Transport Officer għannom tas-Sea Transport Officer ta' l-Ingilterra biex tiġi użata barra minn Malta taħt il-poteri estraterritorjali li għandu biex jirrekwiżizzjona vapuri Ingliżi kull fejn jinsabu (sec. 3 of The Emergency Powers Defence Act 1939); illi r-rekwiżizzjoni saret mill-awtorità kompetenti; illi għalhekk kwalunkwe kwistjoni ta' kumpens għall-kera u valur tad-dgħajsa ma hijiex ta' kompetenza ta' dina l-Qorti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fis-27 ta' Ġunju 1946, fejn (1) ġie dikjarat

illi r-rekwiżizzjoni saret minn persuna inkompetenti; (2) iddikjarat illi x-Shipping Tribunal ta' l-Ingilterra mhuwiex kompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-attur, imma kompetenti huwa l-Emergency Compensation Board ta' Malta, u meta dan, kif għamel, jiddikjara ruħu inkompetenti, il-kompetenza tmur għat-tribunali ordinarji ta' Malta; (3) laqgħet l-ewwel u t-tieni talba, u illikwidat l-ammont tal-kera bħala kumpens dovut lill-attur għall-użu tad-dgħajsa mid-9 ta' Jannar 1942 sal-14 ta' Novembru 1942 għal £90 fix-xahar u għalhekk b'kollox £918, u kkundannat lill-konvenuti biex iħallsu din is-somma bl-imgħax tas-6% mill-14 ta' Novembru 1942, salvi bejniethom id-drittijiet reċiproċi; (4) laqgħet it-tielet talba u ddikjarat il-konvenuti responsabili lejn l-attur tad-danni kollha li sofra għar-raġunijiet indikati f'dik is-sentenza u fiċ-ċitazzjoni, li għandhom ikunu likwidati f'kawża separata, u kkundannat lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha; wara li kkunsidrat;

Illi r-Requisition Order għandu jiġi eżerċitat mill-awtorità kompetenti, u din, skond ir-Requisitioning of Ships Order, 1939, kellha tkun l-Ammirall Suprintendent tad-Dockyard, li ma setax jiddelega lil Captain Price il-poteri tiegħu; u għalhekk dik ir-"requisition" ġiet eżerċitata minn persuna inkompetenti u hija nulla;

Illi l-argument addott illi "a purported exercise" għandu jiġi kunsidrat bħala "exercise" ma jistax jiġi aċċettat, għaliex la darba l-liġi trid illi r-Requisition issir minn persuna kompetenti, jekk issir minn persuna oħra vwoldiri hija nulla;

Illi lanqas l-argument illi s-Sea Transport Officer kellu intenzjoni li jagħmel dik ir-rekwiżizzjoni li ġiet effettivament magħmula u approvata, ma hux validu, għaliex il-liġi tirrikjedi ċerti formalità speċjali minn persuna kompetenti;

Illi l-konvenut stess igħid illi hawn Malta hawn żewġ awtoritajiet kompetenti biex jagħmlu rekwiżizzjoni ta' vapuri u bastimenti, id-Director of Sea Transport u l-Gvernatur, bid-Defence Regulations ta' Malta;

Illi la darba l-iskop taż-żewġ liġijiet, dik ta' l-Ingilterra u dik ta' Malta, huwa wieħed, u la darba r-rekwiżizzjoni saret

fuq dgħajsa hawn Malta, il-liġi ta' Malta (Malta Defence Regulations) biss għandha tkun applikabili, u għalhekk dik ir-rekwiżizzjoni setgħet issir biss in forza ta' dawk ir-Regolamenti, kif emendati bil-Government Notice no. 499 tal-1940, mill-Gvernatur jew persuna minnu delegata. U għalhekk anki r-rekwiżizzjoni saret ħażin, u x-Shipping Tribunal ta' l-Ingilterra ma għandux ġurisdizzjoni, u din hi investita fl-Emergency Compensation Board u fil-Qrati Ordinarji ta' Malta, li ġiet anki rikonoxxuta mill-korrispondenza bejn il-partijiet;

Illi dgħajsa ta' Għawdex lanqas hija reġistrata, kif inhuma l-vapuri; u din tista' tkun raġuni oħra għaliex id-Director of Sea Transport ta' l-Ingilterra lanqas seta' kellu dritt għar-rekwiżizzjoni;

Illi fil-meritu, id-dgħajsa ġiet fil-poter tal-konvenuti fid-9 ta' Jannar 1942, ġiet meħuda barra minn Malta, u għerqet fl-14 ta' Novembru 1942; illi mentri l-konvenuti offrew £20 fix-xahar, l-attur ippretenda £100 fix-xahar, u allura l-konvenuti qalulu illi l-kwistjoni għandha tiġi deċiża mill-Emergency Compensation Board, li ddikjara ruħu inkompetenti;

Illi l-offerta ta' £20 hija baxxa............; illi però l-Qorti diskrezzjonalment tiffissa £90 fix-xahar, meħuda konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha..............;

Illi l-attur għandu wkoll dritt għad-danni, sew għaliex ir-rekwiżizzjoni saret invalidament, sew għaliex id-dgħajsa għerqet, u fosthom il-valur tad-dgħajsa, skond ir-regoli ta' l-avarija ġenerali; fl-Emergency Compensation Regulations 1943 hemm idea dawk id-danni f'hix jikkonsistu;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti Commodore Orr Ewing, D.S.O., u ta' Lieut. M. Cunningham, R.N.V.R., fil-kwalità tagħhom imsemmija fiċ-ċitazzjoni, u ta' Captain Edward Price R.N., f'ismu proprju, u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, (1) billi Captain Price f'ismu proprju jiġi liberat mit-talba, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, (2) billi jiġi dikjarat illi r-rekwiżizzjoni saret validament, (3) billi jiġi dikjarat illi x-Shipping Claims Tribunal hija l-awtorità kompetenti biex tiffissa l-kumpens dovut lill-attur għall-użu u għat-telf tad-dgħajsa, u li l-Qrati Or-

dinarji ta' Malta ma għandhomx ġurisdizzjoni, u li għalhekk il-konvenuti jkunu liberati mit-talbiet bl-ispejjeż kollha, (4) u subordinatament, fil-meritu, illi s-sentenza tiġi riformata fissens illi l-kumpens jiġi ridott għal £20 fix-xahar, u bl-imgħax tal-5%, u mhux tas-6% fis-sena, mill-ġurnata tas-sentenza li tillikwida l-ammont, u. dejjem subordinatament, illi l-istess sentenza tiġi riformata fir-raba' kap billi tkun milqugħa t-tielet talba għall-valur reali biss tad-dgħajsa fil-mument tar-rekwiżizzjoni mingħajr awment minħabba l-emerġenza u mingħajr danni oħrajn, u billi l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-attur;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-ewwel gravam huwa illi Captain Price, R.N., ġie kundannat personalment. Fiċ-ċitazzjoni hemm illi din l-azzjoni ġiet magħmula kontra l-Ammirall Suprintendent tad-Dockyard u, "għall-interess li jista' jkollu", Captain Edward J. Price, R.N., bħala Divisional Sea Transport Officer, u "jekk ikun hemm bżonn" anki f'ismu proprju. In-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u d-dikjarazzjoni saret "fil-kwalità tagħhom hawn fuq imsemmija"; u meta jingħad "fil-kwalità", dan jissinifika illi l-kontestazzjoni qiegħda ssir "nomine" u mhux f'ismu proprju, għaliex kieku d-dizzjoni kienet tkun "fil-kwalità tiegħu u f'ismu proprju", fejn mhux qiegħed jidher fl-ebda kwalità. Dan ġustament sar peress li hemm dawk il-kliem "jekk hemm bżonn'. U peress il-bżonn ma kienx hemm waqt il-kawża—almenu mill-attijiet tal-kawża ma jirriżultax li ssemma illi Captain Price għandu jirrispondi f'ismu proprju, jew ġiet diskussa dik il-possibilità—allura dik il-kondizzjoni magħmula fiċ-ċitazzjoni ("jekk hemm bżonn") ma kienetx ġiet avverata, u allura l-kontestazzjoni baqgħet, kif jidher ċar, bejn l-attur minn naħa, u l-konvenuti fil-kwalitajiet tagħhom rispettivi, ċjoè bħala Ammirall Suprintendent tad-Dockyard u bħala Divisional Sea Transport Officer rispettivament; u Captain Price f'ismu proprju ma daħal qatt fil-kawża:

Dik id-dizzjoni tiġi magħmula skond ġurisprudenza kostanti tagħna u skond il-pratika forensi tal-Qrati Tagħna, biex

ikun evitat li dik il-persuna tiġi msejħa fil-kawża jekk u kemm il-darba waqt il-kawża jkun hemm il-bżonn illi ssir dik il-kontestazzjoni fl-isem proprju; iżda la darba dik in-neċessità ma ġietx mhux biss pruvata, iżda lanqas imsemmija mill-partijiet, allura ma jidherx li Captain Price jkkontesta f'ismu proprju. U għalhekk meta l-Ewwel Qorti kkundannat il-konvenuti, ċertament dik il-kundanna tirriferixxi għall-konvenuti fil-kwalità tagħhom rispettiva, u mhux personalment; għaliex kieku kien hekk, kienet tgħidu espressament fid-dispożitiv tas-sentenza, li qiegħda tikkomprendi lil wieħed mill-konvenuti "f'ismu anki proprju" la darba kien hemm dik il-kondizzjoni "jekk hemm bżonn", u dan kien ukoll jidher mill-motivazzjoni tas-sentenza stess; minn liema motivazzjoni ma hemm ebda aċċenn illi Captain Price ġie kundannat personalment;

Għalhekk dan il-gravam huwa mingħajr bażi, u jiġi respint fis-sens li ma hemmx bżonn ta' l-ebda pronunzja tal-Qorti fuq dan il-pont, peress illi Captain Price ma ġiex kundannat personalment; bl-ispejjeż ta' dina d-dikjarazzjoni kontra l-appellant Captain Price personalment;

Tikkunsidra;

Illi t-tieni gravam hu illi r-rekwiżizzjoni saret validament. u għalhekk ġew aggravati meta l-Ewwel Qorti ddikjarat nulla dik ir-rekwiżizzjoni. Fuq dan il-pont huwa meħtieġ illi jiġi minn issa stabbilit illi meta saret ir-rekwiżizzjoni tad-dgħajsa in kwistjoni l-liġi lokali għar-rekwiżizzjoni ta' bastiment ma kienetx għadha magħmula jew promulgata, peress din saret per mezz tal-Government Notice no. 167 ta' l-1942, ċjoè f'April 1942, mentri r-rekwiżizzjoni in kwistjoni saret f'Jannar ta' dik is-sena. Din ir-rekwiżizzjoni, kif tajjeb irritjena l-Emergency Compensation Board ta' Malta f'din il-kwistjoni bejn il-partijiet fl-24 ta' Settembru 1943, kienet saret in forza tal-Liġijiet Ingliżi, "Requisition of Ships Order 1939" ta' l-Ingilterra;

Tikkunsidra;

Illi l-appellat issottometta illi dik ir-rekwiżizzjoni hija ħażina (1) għaliex il-liġi Ingliża qatt ma ġiet promulgata hawn

Malta u għalhekk ma għandhiex forza f'dawn il-Gżejjer, u (2) għaliex, subordinatament, l-Ammirall Suprintendent bħala delegat tad-Director of Sea Tranport ma setax jerġa' jiddelega lil ħadd ieħor;

Fuq l-ewwel kwistjoni; din il-promulgazzjoni hija meħtieġa f'dawn il-Gżejjer meta fl-Att jew Order Imperjali jkun hemm klawsola, kif ġeneralment isir, għall-applikabilità ta' dak l-Att jew Order fil-Kolonji, sew mill-leġislatura lokali sew mill-Gvernatur; u allura jkun hemm bżonn ta' Att ieħor ta' l-awtorità lokali, jew almenu Proklama, u l-publikazzjoni tiegħu f'dawn il-Gżejjer, biex ċertament il-publiku jkun jaf illi dak l-Att jew Order ġie anki applikat għal hawn Malta. Iżda meta l-liġi stess imperjali fiha nfisha jkollha klawsola li tirrendi dak l-Att operativ immedjatament fi kwalunkwe post, allura l-liġi ssir immedjatament applikabili, u għalhekk l-Awtorità li taħt dik il-liġi jkollha xi fakoltà li tista' teżerċita dik il-fakoltà anki fil-kolonji, dik l-awtorità tkun tista' teżerċitaha immedjatament;

Bl-Order in Council tal-24 ta' Awissu 1939, il-Maestà Tiegħu r-Re ordna illi peress "a national emergency exists, rendering it necessary to take steps for preserving and defending national interests", u peress il-materja kienet urġenti, ordna illi r-rekwiżizzjoni tista' ssir mill-awtoritajiet hemm indikati, u fosthom id-"Director of Sea Transport or any officer acting on his behalf"; u jgħid hekk :— "Requisition and take up for His Majesty's Service any British ship or British vessel, as defined in the Merchant Shipping Act 1894, wherever the ship or vessel may be with the exception of etc." Dak l-Order in Council ġie pubblikat in forza ta' Att tal-Parlament Imperjali, u fid-Defence Regulations 1939, li in forza tagħhom sar dak l-Order in Council, awtorizza r-rekwiżizzjoni ta' "any British ship.......... wherever the ship may be";

L-appellat però ssottometta illi jonqos il-publikazzjoni ta' dawn l-Atti hawn Malta. Kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fit-3 ta' Novembru 1891, in re "Dr. Alfredo Parnis ne. vs. Filippo Arpa" (Kollez. Vol. XIII, p. 33), il-Parlament Imperjali għandu dritt jagħmel liġijiet anki

għall-kolonji, "ha il potere di emanare leggi pure per qualsiasi colonia, sia questa conquistata, sia essa ceduta, anche quando essa medesima sia soggetta ad 'un'altra autorità' legislativa, e s'intende di aver usato di tale potere quando nelle stesse leggi ha compreso la colonia, sia nominativamente, sia in termini generali". U f'dan il-każ ma hemm l-ebda dubju illi skond dawk l-Atti Imperjali l-liġi riedet anki tagħti fakoltà lill-awtorità kompetenti hemm indikati illi jistgħu jirrekwiżizzjonaw "any British ship.............. wherever the ship may be", espressjoni wżata fl-Att fuq imsemmi; u "any British ship or British vessel as defined in the Merchant Shipping Act 1894, wherever the ship or vessel may be", espressjoni wżata fl-Order in Council fuq imsemmi. U dawk l-espressjonijiet kienu intiżi biex jinkludu anki dawn il-Gżejjer, kif jidher anki ċar mill-eċċezzjonijiet illi l-istess Order in Council għamel in riferenza għal "ships or vessels registered in any Dominion within the meaning of the Statute of Westminster 1931, except Newfoundland, or in any territory administered by His Majesty's Government, in any of the Dominions aforesaid or in India or Burma". Dawk kienu l-eċċezzjonijiet li ried dak l-Order in Council, u għalhekk "inclusio unius fit exclusio alterius", u impliċitament għandu jiġi ritenut illi dik il-kelma "wherever" għandha taħt dawn iċ-ċirkustanzi tikkomprendi anki dawn il-Gżejjer";

Tikkunsidra;

Illi jekk hemmx bżonn promulgazzjoni f'dawn il-Gżejjer ġie anki ritenut fis-sentenza fuq indikata illi "secondo l'Atto del Parlamento 33 George III, c. 12, fu stabilito che ove non si fosse altrimenti disposto, ogni atto dovesse incominciare ad avere effetto ed esecuzione dalla data della sua sanzione, cioè dal giorno in cui esso riceve l'assenso reale. Il che importa che la promulgazione di quell'atto legislativo in quel modo operata produce i suoi effetti e rende la legge esecutoria ed obbligatoria immediatamente e simultaneamente in tutti i luoghi dello stesso, benchè lontani dalla metropoli dell'impero, assoggettati all'osservanza delle sue disposizioni, salvo che nella stessa legge non sia accordato un tempo dal quale essa

incomincia ad essere osservata". Għalhekk minn dan jirriżulta illi l-publikazzjoni "ut sic" ta' l-Att Imperjali f'dawn il-Gżejjer mhix neċessarja. Imbagħad huwa meħtieġ illi jiġi konstatat illi f'dan il-każ dik il-liġi kienet liġi imperjali li tat lil ċerti awtoritajiet li jistgħu jagħmlu rekwiżizzjoni fi kwalunkwe post ta' l-Imperu Britanniku, barra mill-postijiet hemm eċċettwati, u għalhekk iżjed u iżjed dik il-promulgazzjoni hawn Malta ma kellhiex bżonn li ssir;

Tikkunsidra;

Illi lanqas l-objezzjoni l-oħra illi d-dgħajsa ta' Għawdex ma taqax taħt dawk il-liġijiet ma hija valida, għaliex, kif tajjeb issottometta l-appellat, il-Colonial Defence Order in Council 1939 iddefinixxa "British ships" fis-sens "as including reference to all ships registered in, or licensed under, the law of the territory"; u għalhekk taħt din id-dizzjoni għandha anki taqa' dgħajsa ta' Għawdex:

Tikkunsidra;

Illi l-appellat jissottometti wkoll illi r-rekwiżizzjoni saret ħażin, għaliex saret mid-Divisional Sea Transport Officer, li ma kellux poter jagħmel dik ir-rekwiżizzjoni. L-Order in Council fuq imsemmi jgħid min huma l-awtoritajiet li kellhom dik il-fakoltà, u fost l-oħrajn hemm "The Director of Sea Transport or any officer acting on his behalf". F'dan il-każ irriżulta illi dak l-uffiċjal kien, per mezz ta' strument taħt id-data tal-24 ta' Awissu 1939, awtorizza "the Admiral Superintendent H.M. Dockyard, Malta, for the time being"; u dan in forza ta' l-Order in Council tal-24 ta' Awissu 1939 fuq imsemmi. L-Admiral Superintendent fuq indikat, imbagħad, in forza ta' dokument ta' l-1 ta' Jannar 1942, iddelega l-poteri tiegħu ta' rekwiżizzjoni li kien irċieva minn għand id-Director of Sea Transport Officer lid-Divisional Sea Transport Officer f'Malta. L-attur appellat qiegħed però jissottometti illi dik id-delegazzjoni kienet nulla, għaliex "delegatus non potest delegare";

Apparti l-kwistjoni jekk kap ta' dipartiment, kif inhu l-Ammirall Suprintendent, jawtorizza lis-subordinat tiegħu, kif fil-perijodu ta' l-emerġenza kien is-Sea Transport Officer,

jagħmel għan-nom tiegħu dak li l-Ammirall jista' jagħmel skond il-liġi, ħijiex delegazzjoni invalida, huwa fatt illi l-Att tal-Parlament, Compensation Defence Act 1939, meta jiddefinixxi l-kelma "exercise", jikkomprendi wkoll "purported exercise"; u allura tiġi l-kwistjoni jekk din l-aħħar espressjoni tistax tikkomprendi rekwiżizzjoni ta' wieħed li ma kellux il-poter jagħmilha. Għalhekk, apparti dik il-kwistjoni fuq prospettata, li ma ġietx sottomessa lill-Qorti, u għalhekk it-termini tagħha ma setgħux jiġu pruvati, l-Ammirall Suprintendent, li huwa l-uffiċjal delegat mid-Director of Sea Transport, iddelega dak il-poter tiegħu lid-Divisional Sea Transport Officer fl-1 ta' Jannar 1942, u allura dak l-Ammirall kien qiegħed jaħseb u kellu l-intenzjoni illi dak kollu li jagħmel id-delegat tiegħu jkun validu; għalhekk l-eżerċizzju ta' dak l-att minn għand id-Divisional Sea Transport Officer kien "purported" għall-fini kollha ta' l-Ammirall fuq imsemmi, illi huwa veru eżerċizzju skond il-liġi. U għalhekk dan l-uffiċjal, meta għamel dak l-att, minflok personalment, għamlu per mezz tad-delegat tiegħu, u għalih kien "purported"; illi huwa eżerċizzju validu. Infatti l-kelma "purported" ma jistax ikollha sinjifikat ieħor f'din il-liġi ħlief dak ta' "intended" (ara Roger's Thesaurus of English words and phrases, no. 620). Dak l-Att għalhekk jikkunsidra illi, sew jekk l-eżerċizzju kien veru eżerċizzju, eżerċizzju skond il-liġi, eżerċizzju li ma jistax jiġi impunjat għaliex ma jonqsu xejn fl-elementi tiegħu, sew jekk huwa "purported exercise" jew "intended exercise", għaliex għal xi raġuni jew oħra l-eżerċizju sar, iżda kien hemm nieqes xi ħaġa, allura kompetenti jieħu konjizzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni huwa organament speċjali;

L-appellat jissottometti illi jekk l-att huwa null, "non producit effectus", u jibqa' null; iżda jekk il-leġislatur stess qal illi jekk dak l-"exercise" huwa "purported", għandu jkollu validità, preċiżament għaliex ikkunsidrah fid-definizzjoni bħala veru "exercise". Allura dak il-prinċipju ma jistax jiġi iżjed invokat. Ċertament il-Qorti għandha teżamina liema element huwa nieqes biex dak l-eżerċizzju jkun inva-

lidu; iżda f'dan il-każ, peress li l-intenzjoni evidenti tad-delegat Ammirall kienet illi huwa jista' jeżerċita dak l-att per mezz ta' uffiċjal ieħor, u dan effettivament eżerċitaha, u ħalla fl-ittra biss il-kliem li qiegħed jeżerċitah a nom ta' l-Ammirall, ċertament ma jidherx li jista' jingħad illi dak mhux "purported exercise";

Illi kif ġie deċiż mill-King's Bench, "an act may be a purported act if it resembles the act which pretends to be. This may happen where a person who does the act resembles, but is not, the person who has the power to do it, or where the person who does the act has the power but has failed to comply with some condition necessary to the exercise of the power. There may be a purported exercise of an emergency power where no such power in fact exists" — Commercial and Estates Company of Egypt vs. Board of Trade, 1925. 1st. King's Bench, 271, C.A. for Scrutton, L.J.";

Tikkunsidra;

Illi mbagħad, jekk kien hemm xi difett, dak ċertament ġie sanat meta d-Divisional Sea Transport Officer ikkomunika dik ir-rekwiżizzjoni li kienet saret lid-delegant ta' l-Ammirall, id-Director of Sea Transport, u allura dan bagħat ir-risposta li ġiet kommunikata mid-Divisional Sea Transport Officer lill-attur, fejn qallu dak li rriferixxa lilu d-Director of Sea Transport fuq iċ-"charter", fuq il-kondizzjonijiet, u fil-każ li ma jaqblux x'kellu jsir. Allura b'dana saret ratifika vera u proprja ta' dak kollu li kien sar qabel, forsi irregolarment; u d-delegant, Director of Sea Transport, daħal f'rapport dirett ma' l-attur stess, li seta' jara min kienet l-awtorità rekwiżizzjonanti, il-kondizzjonijiet offerti, u fil-każ ta' kwistjoni l-liġi applikabili, u għalhekk it-tribunal istitwit b'dik il-liġi. Veru li din l-ittra kienet tat-18 ta' Mejju 1942, meta fis-7 ta' April 1942, hawn Malta ġew publikati r-regolamenti għar-rekwiżizzjoni ta' "ships or vessels"; iżda b'dik l-ittra l-attur kien qiegħed f'pożizzjoni li kellu jkun jaf illi r-rekwiżizzjoni tiegħu ma kienetx ħaġa lokali, imma kienet rekwiżizzjoni magħmula in forza ta' liġi imperjali;

Għalhekk ir-rekwiżizzjoni in kwistjoni kienet valida;

Tikkunsidra;

Illi la darba dik ir-rekwiżizzjoni kienet valida, allura huwa applikabili l-Compensation (Defence) Act 1939, u għalhekk kwalunkwe kwistjoni bejn il-partijiet għandha tiġi definita mill-organament istitwit b'dak l-Att. Għalhekk għamel tajjeb l-Emergency Compensation Board lokali meta fl-24 ta' Settembru 1943, iddikjara li ma għandux ġurisdizzjoni biex jieħu konjizzjoni tal-kwistjoni li hemm bejn il-partijiet; u lanqas it-tribunali lokali ma għandhom ġurisdizzjoni la darba hemm tribunal speċjali istitwit b'dik il-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenut, u (1) tiddikjara u tiddeċidi illi r-rekwiżizzjoni li saret għad-dgħajsa in kwistjoni kienet valida u skond il-liġi, u għalhekk tirriġetta l-eċċezzjoni tan-nullità tagħha, (2) illi l-Qrati Tagħna mhumiex kompetenti jieħdu konjizzjoni ta' din il-kawża minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni;

Tordna illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi, minħabba l-kwistjonijiet sollevati, ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; u għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell.